# SANTA LUĊIJA
## U T-TIENI GWERRA DINJIJA

*Jikteb Joseph Mizzi*

Jidher li sallum qatt ma ingħata ftit tagħrif dwar l-effetti tat-tieni gwerra dinjia fuq ir-raħal ċkejken tagħna. In-nies ta' Santa Luċija ma sofrewx ġuħ bil-għaġeb u dan minħabba li ħafna minnhom kienu bir-raba' u allura dejjem kellhom ikel u ħxejjex għall-inqas kemm jiddobbaw. Pero' żgur li ma kienux komdi u dan minħabba li kien hawn ħafna familji numerużi u sitwazzjoni ta' għaks u mard fil-pajjiż b' mod inġenerali. Santa Luċija offriet kenn ukoll għal xi refuġjati li kien ġew minn Malta.

Bil-għajnuna ta' diversi persuni rnexxili nibda lista ta' diversi persuni minn Santa Luċija li inġabru bil-lieva bħala suldati f'din il-Gwerra dinjija. Kien hawn ukoll xi nisa li taw is-servizz tagħhom fil-*Victory Kitchen*. Għall-grazzja t'Alla ħadd minn dawn il-persuni ma miet bħala suldat fid-difiża ta' pajjiżna.

L-unika persuna li miet b'effett dirett tal-gwerra kien Wenzu Attard, ġuvni ta' 23 sena, iben Guzepp u Anġela nee' Grima. Dawn kienu joqgħodu fir-razzett li kellhom f'Għajn Abdul u li għadu jeżisti sal-lum. Dan Wenzu miet meta splodiet *anti-personal bomb* li kien qiegħed jilgħab biha waqt li kien bil-merħla tiegħu il-Mixta, limiti ta' Santa Luċija.

Se nagħti l-lista ta' persuni li servew bħala suldati fil-gwerra. Jista' jkun li mhix xi waħda perfetta u naħseb li baqa' xi oħrajn li nistgħu ninkluduhom fiha. Għaldaqstant nitlob lill-qarrejja li min jaf b'xi oħrajn li taw sehemhom fil-gwerra, biex jgħadduli din l-informazzjoni u jien inkun grat lejhom.

**Din hija l-lista li rnexxieli niġbor:**

| | |
|---|---|
| Attard Anthony | *Ta' Żebbuġa* |
| Axiaq M'Angelo | *Ta' Ganadott* |
| Bugeja Ġużepp | *Tal-Mannar* |
| Camilleri Ġużepp | *Tal-Mannar* |
| Debrincat Girgor | *Tan-Naħli* |
| Fenech Ġużepp | *Tal-Pikarell* |
| Gatt Saver | *Tal-Furnar* |
| Grech Saver | *Tan-Nigru* |
| Grima George | *Tan-Nenus** |
| Grima Ġużepp | *Tad-Dajsi* |
| Grima Saver | *Tan-Nenus** |
| Mercieca Ġużeppi | *Tal-Bieba* |
| Mercieca Ġużepp | *Taċ-Ċejċa* |
| Scicluna Girgor | *Tal-Barrija* |
| Spiteri Evarist | *Taċ-Ċavett* |
| Spiteri Lawrence | *Ta' Fifi* |
| Stellini Karmnu | *Taċ-Ċappa* |
| Sultana Anthony | *Tan-Nigret** |
| Sultana M'Angelo | *Tan-Nigret** |
| Sultana Francis | *Tan-Nigret** |
| Sultana Angelo | *Tan-Nigret (Ta' Ġużepp)* |
| Sultana Angelo | *Tan-Nigret (Ta' Salvu)* |

** Dawn kienu lkoll aħwa*